**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **330/2022 AD**

**PULLICIN CONBRICKS LTD (C 91893)**

**VS**

**DR MARK A MIFSUD CUTAJAR U L-PL SILVANA VELLA**
**LI B'DIGRIET TAL-5 T'OTTUBRU 2022 ĠEW MAĦTURA KURATURI DEPUTATI BIEX JIDHRU U JIDDEFENDU FL-INTERESS TAL-ASSENTI**
**GAETANO GIUSEPPE LA MASTRA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għall-ħlas ta' bilanċ dovut lis-soċjeta' rikorrenti minn Gaetano Giuseppe La Mastra fl-ammont komplessiv ta' mija u sebgħa u tletin elf, seba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€ 137,728.68);

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat datat tnax (12) t'April 2022, is-soċjeta' **Pullicin ConBricks Ltd** ippremettiet:

   *Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża*

   a. *Is-soċjeta' rikorrenti provdiet lill-intimat b'materjal ta' kostruzzjoni, kif jirriżulta mis-sett ta' fatturi hawn annessi u mmarkati kollettivament bħala Dokument PDL1 (total fatturat: € 137,728.68);*

   b. *Għalhekk l-intimat huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma komplessiva ta' mija u sebgħa u tletin elf, seba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€ 137,728.68). Mitlub iħallas dan l-ammont, l-intimat baqa' inadempjenti (ara l-e-mail mibgħuta lilu kif annessa u immarkata bħala Dokument PDL2), apparti li dan sfuġġa minn Malta, u qata' totalment il-kuntatt minn mas-soċjeta' rikorrenti;*

   c. *David Haber, għan-nom tas-soċjeta' rikorrenti, jiddikjara illi jaf b'dawn il-fatti bil-ġurament;*

   *Raġuni tat-Talba*

   d. *Għaldaqstant kellha ssir din il-kawża;*

3. Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara għar-raġunijiet premessi illi l-intimat huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija u sebgħa u tletin elf, seba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€ 137,728.68);*

ii. *Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u sebgħa u tletin elf, seba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€ 137,728.68);*

*Bl-imgħax legali applikabbli.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat;*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar is-sbatax (17) t'Ottubru 2022, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, l-ewwel (1) ta' Diċembru 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimati noe, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu skont il-liġi, u sabiex jippreżentaw ukoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tad-difiża tagħhom;

5. Il-konvenuti Dr Mark A Mifsud Cutajar u l-PL Silvana Vella noe, illi, wara rikors tas-soċjeta' rikorrenti datat tnax (12) t'April 2022, permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta datat ħamsa (5) t'Ottubru 2022, kienu inħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Gaetano Giuseppe La Mastra, eċċepew b'risposta ġuramentata datata disgħa (9) ta' Diċembru 2022:

   a. *Illi l-kuratur jiddikjara li ma huwiex konxju mill-fatti kollha tal-każ preżenti u jirriserva għal kull buon fini eċċezzjonijiet ulterjuri;*

6. Illi permezz ta' nota datata tnax (12) ta' Diċembru 2022, Dr Mark Mifsud Cutajar informa lill-Qorti illi sar tentattiv sabiex l-intimat Gaetano Giuseppe La Mastra jiġi identifikat u nnotifikat bil-kawża odjerna u sabiex ikun jista' jattendi għas-seduta li jmiss, u dan billi ntbagħtet ittra lill-Ambaxxata Taljana f'Malta (annessa man-nota u mmarkata **Dok A** a fol 81 tal-proċess) u ittra oħra lill-intimat fl-indirizz tar-residenza tiegħu (annessa man-nota u mmarkata **Dok B** a fol 82 tal-proċess);

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti datat tnax (12) t'April 2022, u d-dokumenti annessi miegħu;

8. Reġgħet rat ir-risposta tal-konvenuti Dr Mark Mifsud Cutajar u PL Silvana Vella noe, datata disgħa (9) ta' Diċembru 2022;

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **David Haber**, prodott mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Marzu 2023[1], u rat id-dokumenti minnu esebiti a fol 92 *et seq* tal-proċess;

10. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **David Haber**, riprodott mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) t'April 2023[2];

11. Ħadet konjizzjoni tal-fatt illi l-Av Mifsud Cutajar ma rċieva l-ebda komunikazzjoni mingħand ir-rappreżentant tiegħu, u in vista tat-tentattivi li saru sabiex tiġi stabbilita komunikazzjoni tal-istess, iddikjara illi ma kellux provi xi jressaq[3];

12. Rat illi l-partijiet naqsu milli jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet finali, minkejja illi ġie konċess lilhom terminu sabiex jagħmlu dan;

13. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

14. Mill-provi prodotti mis-soċjeta' rikorrenti, din il-Qorti tosserva s-segwenti:

    a. Illi ġew esebiti numru ta' *statements* maħruġa mis-soċjeta' rikorrenti, illi kumplessivament ilaħħqu s-somma globali ta' mija u sebgħa u tletin elf, seba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 86 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 373-374 tal-proċess
[3] Vide verbal tas-seduta tal-ewwel (1) ta' Ġunju 2023, a fol 376 tal-proċess

(€137,728.68) (**Dok PDL1** anness mar-rikors ġuramentat a fol 5 *et seq* tal-proċess, esebiti wkoll bid-*delivery notes* relattivi annessi magħhom a fol 92 *et seq* tal-proċess);

b. Illi tali *statements* inħarġu f'isem Gaetano Giuseppe La Mastra ta' 28, Carant Crt, Flt 4, Triq Francesco Buhagiar, Birkirkara, u cioe f'isem l-intimat assenti;

c. Illi għalkemm id-*delivery notes* annessi mal-istess *statements* jgħajtu lil ċertu Salvatore La Mastra, illi m'huwiex parti minn din il-kawża, **David Haber**, *accountant* mas-soċjeta' rikorrenti, jispjega illi, *"meta l-konsenja tasal fuq il-post, ikollhom id-delivery note, jiffirmawha, jiċċekkjaw il-materjal xi jkun u jekk hux bricks ovvja, jiċċekkjawhom u jiffirmaw għalih"*. Mistoqsi min jiffirma d-*delivery note*, ix-xhud jgħid, *"Il-ħaddiema ta' Gaetano La Mastra."* Il-Qorti hija għalhekk sodisfatta illi l-fatt illi d-*delivery notes* huma fil-maġġor parti tagħhom iffirmati *'Salvatore La Mastra'* ma jfissirx illi l-ammont mhuwiex dovut minn Gaetano La Mastra;

d. Mhux talli ma nġabet l-ebda prova illi kienu saru xi pagamenti akkont, jew illi xi parti mill-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti m'huwiex dovut, iżda talli l-*istatement of account* anness mar-rikors ġuramentat bħala **Dok PDL1** a fol 5 tal-proċess jindika illi qatt ma saru pagamenti akkont. Infatti l-kolonna mmarkata *Credit* hija vojta;

15. Din il-Qorti, għalhekk, hija tal-fehma illi s-soċjeta' rikorrenti rnexxiela tipprova illi hija debtriċi tal-konvenut Gaetano Giuseppe La Mastra fl-ammont ta' mija u sebgħa u tletin elf, seba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€137,728.68), u li konsegwentement is-soċjeta' rikorrenti għandha dritt għall-ħlas tal-bilanċ pendenti dovut lilha, inkluż l-imgħaxijiet dovuti fuq l-istess bilanċ sad-data tal-pagament;

16. F'dawk illi huma imgħaxijiet dovuti fuq dan l-ammont, il-Qorti tagħraf illi l-Artikolu 1141(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi imgħaxijiet

għal obbligazzjoni ta' xorta kummerċjali għandhom jibdew jiddekorru minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita. Għaldaqstant, l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data ta' kull *statement* relattiv, sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

17. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>** tas-soċjeta' rikorrenti u tiddikjara illi l-intimat Gaetano Giuseppe La Mastra huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija u sebgħa u tletin elf, seba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€137,728.68);

(ii) **<u>Tilqa' t-tieni talba</u>** tas-soċjeta' attriċi u tordna lill-intimat Gaetano Giuseppe La Mastra jħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' mija u sebgħa u tletin elf, seba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€137,728.68), bl-imgħax legali mid-data ta' kull *statement* relattiv (skont id-dati mniżżla fl-*istatement of account* **Dok PDL1** anness mar-rikors ġuramentat) sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża kontra l-konvenut Gaetano Giuseppe La Mastra.

**Moqrija**.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**